MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Numru 4/2000

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Godfrey Lopez**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fis-17 ta' Settembru 2001 mill-Onorabbli Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Il-Qorti:

Rat l-att ta' akkuza numru 19/2000;

Semghet, fl-udjenza tal-lum, il-verdett tal-gurati li bih b' seba' (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabu lill-akkuzat hati izda biss ta' komplicita` f'serq kwalifikat bil-vjolenza (sekwestru tal-persuna, vjolenza numerika), mezz (tibdil fl-ilbies jew fis-sura), valur (aktar minn elf lira) u hin;

Tiddikjara lill-imsemmi Godfrey Louis Lopez hati ta' komplicita f'serq kwalifikat bil-vjolenza (sekwestru tal-persuna, vjolenza numerika), mezz (tibdil fl-ilbies jew fis-sura), valur (aktar minn elf lira) u hin;

Semghet lill-Avukat Dott. Joseph Brincat ghall-hati u lill-Avukat Dott. Mark Said ghall-Prosekuzzjoni dwar il-piena;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-kooperazzjoni shiha li l-akkuzat ta lill-pulizija wara li avverat ruhha s-serqa biex jipprova jghin halli r-refurtiva tinstab (indikazzjoni cara din li huwa verament kien iddispjacih tal-"gennata" li huwa kien dahal fiha), il-mod sincier li bih huwa xehed fil-kors tal-kawza, il-fatt li hu ma kienx il-promotur jew istigatur tas-serqa izda dahal fiha f'mument ta' debolezza (fi kliem Dott. Brincat "he was tempted, he was never the tempter"); hadet ukoll in konsiderazzjoni l-valur tal-oggetti ossia flus li insterqu u li sal-lum ghadhom ma nstabux, kif ukoll il-fatt li l-hati kien jokkupa kariga importanti mal-kumpanija tas-sigurta` derubata u li ghalhekk b'dak li ghamel huwa ttradixxa mhux biss lill-imsemmija kumpanija izda wkoll lil dawk in-nies u kumpaniji ohra li kienu jafdaw flushom ma' l-istess kumpanija; rat ukoll il-fedina penali prattikament nadifa tal-hati; rat ukoll is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-konfront tal-ko-akkuzat l-iehor Herman Zammit fil-31 ta' Lulju, 2000 (konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' April, 2001);

Rat l-Artikoli 42, 43, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 281 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi Godfrey Louis Lopez ghall-piena ta' erba' (4) snin prigunerija, mill-liema periodu

ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dana l-kaz sal-lum; tikkundannah ukoll ihallas lir-registratur is-somma ta’ mija erbgha w hamsin lira u erbgha w hamsin centezmu (Lm154.54c) rappresentanti nofs l-ispejjez peritali inkorsi f’dawn il-proceduri, u dan fi zmien xahar mill-lum";

Rat li minn din is-sentenza Godfrey Lopez interpona appell permezz ta' rikors ta' appell tieghu datat 2 ta' Ottubru 2001, u dan billi hassu aggravat mid-decizjoni, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-9 ta' Jannar 2003 kif ukoll semghet ir-registrazzjoni tat-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti diversament komposta;

Ikkunsidrat:-

Mir-rikors ta' l-appell jidher li l-aggravju ta' l-appellant jippernja fuq allegata interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi da parti ta' l-Ewwel Qorti. Difatti l-appellant ighid li filwaqt li dik il-Qorti ghamlet l-almu taghha kollu sabiex tispjega sewwa l-ligi, huwa ghandu biss ilmenti fuq partijiet li fil-fehma tieghu kienu determinanti: id-difiza tieghu li huwa kien assoggettat ghal forza barranija li ma setax jirrezisti, u dik li l-prosekuzzjoni, fi process indizjarju, naqset tipprova n-ness ta' kawza u effett fil-komplicita`.

Dwar l-ewwel punt, cioe` l-kwistjoni ta' forza rrezistibbli barranija, l-appellant ighid li l-Ewwel Qorti qalet li t-test ghandu jkun "irresistible" u mhux "unresisted" u li hija rreferiet ghan-noti tal-Professur Mamo. L-appellant jargumenta hekk:

"Bir-rispett kollu, l-oppost ta' 'unresisted' huwa 'resisted'. Kieku l-forza barranija kienet 'resisted', l-anqas ikun hemm actus reus. F'kull kaz il-forza barranija tigi 'unresisted'. Wara trid tezamina kriterji ohra li huma fattwali u soggettivi. Jigifieri hu legalment zbaljat li tpoggi

fl-istess keffa 'irresistible' u 'unresisted'. La logikament u lanqas grammatikalment, u ergo legalment, ma huma ekwiparabbli.

Il-forza barranija tista' tkun qed tahdem fuq jew il-fiziku, u ghalhekk tmiss l-actus reus, jew il-psike tal-individwu, il-mens rea. Il-ligi ma teskludix wahda u zzomm l-ohra. It-tnejn huma possibbli. F'dan il-kaz partikolari ghalhekk il-gurati kellhom ikunu ndirizzati li tenut kont tac-cirkostanzi partikolari li kienu deposti quddiemhom, kieku kienu huma kienu jsibu tali forza barranija rrezistibbli?

F'dan il-kaz jirrizulta car hafna li Godfrey Lopez kien bniedem imkisser moralment, u kien mhedded. L-akbar theddida kienet meta l-persuna li kienet qed tkelmu urietu li kienet taf li t-tifel imur il-privat tas-Sliema, u l-mod kif kienet intqalet kien mafjuz. Mitluq bla sens u bla konnessjoni fil-konversazzjoni, imma li l-aktar ihalli effett. Bniedem jista' jiehu hsieb jiddefendi lilu nnifsu, imma kif se jaghmel biex jiddefendi lit-tfal? Dan barra theddid iehor.

Tqajjem l-argument li seta' mar ghand il-pulizija. Imma l-proof of the pudding is in the eating. Mal-ewwel kuntatt mar ghand Josef Cuschieri superjur tieghu. Is-superjur kien darba d-depot u tkellem ma' supretendent meta gharaf persuna hemm. Cuschieri kelmu fuq is-suggett u s-supretendent irreferieh ghad-duty officer. Qajfas ghal ghand Pilatu. Id-duty officer kelmu lil Cuschieri u qallu li jekk jinqala' xi haga mbaghad ikelmu! Pilatu issa hasel idejh! Mela l-forza barranija bl-intervent tal-pulizija ma jidhirx li kienet tista' tigi rezistita wisq!"

Fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law - Year 1", pagna 99, il-Professur Sir Anthony Mamo jghid testwalment:

"Moral coercion operates as a ground for exemption from criminal responsibility when it completely suppresses the possibility of a normal determination on the part of the person doing or omitting the fact. When it does not attain such a degree of intensity, but leaves to that person the possibility of determining himself one way or another, even if with an effort or at some sacrifice, then the old

maxim of Roman law 'coactus tamen voluit' applies, and the fact is imputable, saving the discretion of the Court to mitigate the punishment within the latitude permitted by law, having regard to the particular circumstances under which the offence was committed [Vincenzo Manzini "Trattato di Diritto Penale Italiano, Vol. II", pagna 13]. In other words, in order that there may be <u>total</u> exemption from punishment, the external force which has constrained the accused to do the act contrary to law, must be truly 'irresistible' and not merely 'unresisted'. This is why most writers limit the notion of moral coercion to threats of death or serious personal injury: for it is only such threats that may deprive the victim of his freedom of choice and compel him to commit the offence."

Dik hija l-pozizzjoni guridika korretta dwar x'jikkostitwixxi "forza barranija rrezistibbli". Issa din il-Qorti ezaminat l-indirizz kollu in kwistjoni ta' l-Ewwel Qorti, u tista' tafferma minghajr ezitazzjoni li l-appellant m'ghandux ragun fl-ilmenti tieghu. L-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri spjega ferm tajjeb lill-gurati l-import tad-difiza sollevata mill-appellant taht l-artikolu 33 paragrafu (b) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li kull persuna tkun ezenti minn responsabbilta` kriminali jekk fil-waqt ta' l-att jew tan-nuqqas "kienet imgieghla b'forza barranija li ma setghetx tirrezisti ghaliha". U mhuwiex minnu li tefa' fl-istess keffa l-kuncett ta' "irresistible" u dak ta' "unresisted". Ghall-kuntrarju, huwa ghamel distinzjoni netta bejniethom kif jidher car mill-bran relattiv:

"nerga' nikkwotalkom: 'kienet imgeghlha b'forza barranija li ma setghetx tirrezisti ghaliha" - din hija dik li fil-ligi nsejhulha d-difiza tal-koazzjoni, *coactus* bil-latin, bl-ingliz nghidulha *coercion*, *he was coerced*; u dan meta persuna tkun kostretta taghmel xi haga b'dan li ma jibqaghlha ebda xelta taghmel xi haga. U hawn qieghed l-importanti sinjuri gurati: ebda xelta, ebda ghazla dwar dak li effettivament ghamel. Tigi bazikament persuna bla volonta`, minghajr il-possibilta` li taghzel bejn triq u ohra. Oqoghdu attenti, il-ligi titkellem dwar forza barranija … trid tigi minn barra … forza barranija fizika … jew jista' jkollok il-forza barranija morali, li tista' tkun anke forma ta' theddid. Sewwa,

oqoghdu attenti, il-ligi titkellem fuq forza barranija li dik il-persuna ma setghetx tirrezisti ghaliha, mhux forza barranija li dik il-persuna ma rrezistietx. Hemm differenza kbira bejn forza barranija li ma tistax tirrezisti ghaliha u forza barranija li ma rrezistejtx. Kif jinghad bl-ingliz, dik il-forza trid tkun - u hawnhekk nuza l-kliem li ghadna nuzaw mit-testi tal-Professur Sir Anthony Mamo fil-lectures li kien jaghti l-Universita` - dik il-forza trid tkun 'truly irresistible and not merely unresisted', 'truly irresistible and not merely unresisted' il-forza barranija, li tista' tkun ghidtilkom jew forza fizika jew forza morali, theddid trid ghalhekk tkun mhux semplicement forza li bi sforz inti stajt teghlibha, izda trid tkun forza rrezistibbli…. Meta nitkelmu dwar theddid irid ikun theddid serju, ghall-hajja jew ghas-sahha ta' dak li jkun jew ta' haddiehor … il-hsara ma tkunx tista' ragonevolment tista' tigi evitata minn dak li jkun b'xi mezz iehor hlief li jaghmel dak li jkun qed jigi mitlub jaghmel … Dan l-artikolu tal-ligi mhux intiz biex jippremja, jikkondona, jew jassolvi lill-kodard, lill-bezziegh, lill-gifa, lil dak li l-isforz li kien mistenni minnu f'dik is-sitwazzjoni li kien jinsab fiha, forsi dik il-karika li kellu … jew bil-passi li seta' ragonevolment jiehu, kien jista' jiffaccja dik il-forza u jghid le ghaliha. Ghalhekk il-ligi titkellem dwar forza rrezistibbli mhux semplicement li ma rrezistejtx.

Fi kliem iehor, jista' wiehed ikun gie mhedded biex jaghmel xi haga, jekk dik it-theddida ma tkunx verament irrezistibbli izda tkun theddida li dak li jkun seta' jirrezisti ghaliha, jiehu mizuri biex jevita l-hsara li kien qed jara b'dik it-tbezbiza, izda dan ma ghamilx hekk, huwa xorta wahda jibqa' responsabbli kriminalment ghal dak li jkun ghamel…. Pero` tridu tapplikaw il-bwon sens, u l-aktar kriterju importanti huwa dan - dik il-persuna meta qed tara dik il-hsara setghet tiehu passi ragonevoli … biex dak li jkun seta' jevita l-hsara ta' dik it-theddida? Jekk dan seta' jiehu dawk il-passi ragonevoli u ma hadhomx, allura ma tistax titkellem fuq forza rrezistibbli. Kien hemm forza u inti cedejt ghaliha . Dik hija l-ligi sinjuri gurati."

Barra minn hekk, fl-indirizz tieghu l-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri kien car dwar x'kienu d-doveri tal-gurati u dwar il-kunsiderazzjonijiet li setghu jaghmlu biex

jiddeterminaw jekk il-forza barranija li ghaliha saret riferenza mill-appellant kenitx verament "irrezistibbli". Huwa sahansitra enfasizza lill-gurati li huma kienu *"the standard setters"*. Il-kwistjoni tat-theddid, jekk dan kienx "irrezistibbli" u jekk l-appellant setax jirrikorri ghand il-pulizija dwar tali theddid huma kollha materji li l-Ewwel Qorti ndirizzat lill-gurati korrettement dwarhom kif jidher mis-segwenti bran:

"F'dan il-kaz …staqsu lilkom infuskom: l-ewwelnett, l-akkuzat verament gie mhedded? Araw intom; kwistjoni ta' fatt, sewwa. X'kienu dawn l-okkazjonijiet ta' theddid? …. Hu beda jiltaqa' ma' Gejtu minhabba t-theddid, jew it-theddid, jekk kien hemm, gie wara li huwa volontarjament ghazel li jmur ghal dawn il-laqghat? Kien jaf ghalfejn ser jiltaqa' l-ewwel darba meta kellu jiltaqa' ma' Gejtu, jew ma kienx jaf l-akkuzat? Meta gie dan it-theddid seta' l-akkuzat jiqaflu b'mezzi li kienu ragonevolment, ghax dak li tridu tkunu - ragonevolment. Issa x'inhuwa ragonevoli hija kwistjoni taghkom. <u>You are the standard setters f'dawn l-affarijiet. Intom tissettjaw l-istandards</u>….

Kien hemm xi okkazjoni li l-akkuzat wera li kien jista' jiqaflu lil Gejtu u addirittura waqaflu fuq xi haga? Araw intom sinjuri gurati ssemmiex xi haga simili. Araw ukoll jekk l-akkuzat irrizultax jekk kellux xi kuntatti mal-pulizija b'mod li seta' anke jitlob il-protezzjoni taghhom, per ezempju. Dan araw jekk kienx ikun mezz ragonevoli, disponibbli ghalih, li jevita l-hsara li kien qed jara fit-theddid, jew inkella araw jekk ma kienx mezz ragonevoli ghalih. Hija kwistjoni taghkom li taraw jekk kienx hemm mezz ragonevoli, disponibbli ghalih. Imbaghad staqsu lilkom infuskom ukoll - dawn dejjem kwistjonijiet ta' fatti; jigifieri jekk ma taghmlu xejn minn dawn il-kwistjoniijet imma taghmlu mistoqsijiet ohra, dik hija affari taghkom sinjuri gurati - ghala l-akkuzat ma nfurmax lis-superjuri tieghu bit-theddid ta' Gejtu meta skond l-istess akkuzat huwa kien gharraf lil Cuschieri bit-tieni telefonata anonima. Tiftakru skond l-akkuzat, ighid li t-tieni telefonata anonima, dik li saret fil-prezenza ta' Henry Galea … hu mar u nforma lil Cuschieri. Cuschieri jghid li ma jiftyakarx b'dika. Pero` assumendo ghall-grazzja ta' l-argument li

mar u u nformah, ghaliex allura ma nfurmahx b'theddid iehor? Ghax l-akkuzat kien mahkum minn xi forza barranija rrezistibbli, jew ghax forsi ma riedx jikxef lil xi hadd, forsi xi hadd li jigi minnu? Araw intom sinjuri gurati. Dawn huma kwistjoni ta' fatt.

Intom li tridu taraw hu, biex nirrikapitola, il-forza barranija biex teskludi r-responsabbilta` penali trid tkun mhux semplicement ma gietx rezistita izda trid tkun verament irrezistibbli, kif spjegajtilkom aktar 'il fuq. Jekk intom tghidu li dak li ghamel l-akkuzat ghamilha minhabba forza barranija, u ma setax jirrezisti ghaliha bil-mod kif spjegajtilkom, allura l-akkuzat mhuwiex penalment responsabbli u ghandkom tirritornaw verdett ta' mhux hati. Anke jekk jidhrilkom, per ezempju, li hu probabbli li kien hekk, sinjuri gurati - tiftakru li l-akkuzat irid jipprova xi haga sal-grad tal-probabilta` - pero` jrid ghall-inqas ikun wasal sal-grad tal-probabilta`, u jekk ikun wasal sal-grad tal-probabilta` jew inkella jekk il-prosekuzzjoni eliminatx dak il-grad tal-probabilta` u ppruvatilkom mod iehor permezz tal-provi, tridu tarawh mill-assjem tal-provi."

Ghalhekk l-ilment ta' l-appellant dwar l-allegata interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi fir-rigward tal-kwistjoni tal-forza barranija rrezistibbli huwa nfondat u kollox huwa ndikattiv ta' l-oppost ta' dak li gie sottomess minnu. Infatti din il-Qorti hija sodisfatta mill-precizjoni legali tal-mod kif l-Onorevoli Mhallef li ppresjda l-guri ndirizza lill-gurati f'dan il-kuntest.

L-ewwel aggravju huwa ghalhekk respint.

L-appellant jilmenta wkoll li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta l-Ewwel Qorti "waddbet il-piz tal-prova fuq l-akkuzat li jipprova kontra t-tezi tal-prosekuzzjoni, u t-tieni li l-kaz tal-prosekuzzjoni jrid ikun kontradett minn prova ohra halli l-kaz ikun solvut". Huwa jghid li l-Ewwel Qorti ndirizzat lill-gurati fi kliem sostanzjalment kif gej:

**"Ingabet xi prova li s-serqa ma saritx minn Gejtu jew Gorg kif hu proprju ismu, jew mill-komplici tieghu?**

**Jew li saret minn xi hadd iehor. Hemm xi prova bhal din fil-process."**

Imbaghad jispjega:

"Fl-opinjoni tal-esponenti dak kien determinanti hafna fil-process indizjarju, ghaliex qisu xi hadd kellu dmir jipprova li s-serqa ma saritx minn min Godfrey Lopez kien kellem, imma saret minn xi hadd iehor. Min seta' jipprova? Jew il-prosekuzzjoni, li certament mhux se tipprova ddghajjef il-kaz taghha stess. Jekk mhix il-prosekuzzjoni, allura l-piz jigi jaqa' fuq l-akkuzat. L-akkuzat m'ghandu l-ebda obbligu li jipprova xejn, anqas u anqas li s-serqa saret minn Tizju u mhux minn Sempronju.

Il-process indizjarju huwa tezi tal-prosekuzzjoni li ghandha tipprova l-univocita` tal-prova, il-konsistenza tal-prova, u li tali provi flimkien iwasslu ghall-konkluzjoni wahda u unika. Hekk tkun ghamlet id-dmir li tipprova minghajr dubbju ragonevoli. Altrimenti **tkun ghadha fil-probabilta`**.

Jigi sottomess li biex ikun [hemm] l-univocita` tal-prova, il-prosekuzzjoni trid turi li l-unika soluzzjoni possibbli tkun dik tat-tezi taghha, u ghalhekk **huwa d-dmir taghha li teskludi possibilitajiet ohra. Jekk dawn il-possibilitajiet mhux eskluzi mill-prosekuzzjoni, allura tkun ghadha fl-ipotesi u mhux fil-prova minghajr dubbju ragonevoli.**

….

Kif diga` nghad ma kienx mistenni li l-prosekuzzjoni ggib prova li seta' kien xi hadd iehor. Imma l-pozizzjoni korretta kellha tkun li l-prosekuzzjoni **eskludietx** bil-provi li gabet li kien haddiehor jew li seta' kien haddiehor.

Dan kien determinanti ghaliex il-provi li gabet il-prosekuzzjoni kienet konformi mat-tezi taghha u riedet tghaqqadhom flimkien halli tipprevali t-tezi taghha. Imma mill-kontroezamijiet li saru u mill-provi li nstemghu fl-awla da[w]k il-provi ndizjarji kien[u] skossi sewwa, kemm individwalment u kemm f'daqqa.

Ghaliex il-kwistjoni kienet semplici. Bil-fors li ghamlu Gejtu jew Gorg is-serq, jew komplici tieghu, u gie eskluz li kien haddiehor?"

L-abbli difensur ta' l-appellant sostna waqt it-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti diversament komposta li meta l-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri saqsa jekk ingabitx xi prova li s-serqa ma saritx minn "Gejtu", kien qieghed jaghti *"misdirection"* lill-gurati. Ighid li b'hekk il-piz tal-prova ghaddiet fuq id-difiza biex tipprova li mhux "Gejtu" ghamel is-serqa.

Din il-Qorti ezaminat l-indirizz ta' l-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri u effettivament osservat li l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu ma kkwotax testwalment mill-indirizz. Fil-fatt fl-indirizz tieghu l-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri jsaqsi: *"hemm xi prova li kien hemm xi hadd iehor qed jippjana tali serqa mill-kwartieri generali tal-Group 4 dak iz-zmien?"* (pagna 35 tat-traskrizzjoni). U jerga' jsaqsi aktar 'il quddiem: *"Hemm xi haga per ezempju li lilkom tghidilkom li huwa probabbli li s-serqa saret minn hadd iehor u mhux bhala konsegwenza tal-laqghat li l-akkuzat kellu ma' Gejtu?"* (pagna 37 tat-traskrizzjoni).

Bil-kemm ghandu ghalfejn jinghad li fl-indirizz tieghu l-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri ddedika hin konsiderevoli biex jispjega lill-gurati kemm il-grad ta' prova li kellha tilhaq il-prosekuzzjoni kif ukoll il-grad li seta' jasal ghalih l-akkuzat. L-istess ghamel in kwantu jirrigwarda x'jikkostitwixxi "provi indizjarji" peress li f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda prova diretta ta' min ikkommetta s-serqa mill-kwartieri generali tal-Group 4. Barra minn dan, il-brani citati fil-paragrafu precedenti kif interpretati mill-appellant, iridu jigu ezaminati fil-kuntest li fih intqalu. L-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed jirreferi ghal-linja difensjonali li ma kien hemm l-ebda prova li kien "Gejtu" li wettaq is-serqa u ghalhekk kien nieqes in-ness ta' kawza u effett bejn il-pariri ta' l-akkuzat lil "Gejtu" u dik is-serqa. Naturalment, kif gie ukoll tajjeb osservat fl-indirizz, biex ikun hemm il-komplicita` fl-akkuza, ma kienx

necessarju li "Gejtu" kien bil-fors wiehed minn dawk in-nies li materjalment wettqu s-serqa, u kien bizzejjed in-ness bejn dak li kienu qeghdin jitkelmu dwaru l-akkuzat u "Gejtu" u s-serqa li fil-fatt sehhet. Il-gurati gew hekk indirizzati:

"Mela hawn hekk tridu tistaqsu lilkom infuskom din il-mistoqsija: intom sodisfatti li dik is-serqa li twettqet fis-6 ta' Novmbru 1996 f'dak il-hin filghodu kmieni kienet it-twettiq, jigifieri l-attwazzjoni, tas-serqa li kienu qeghdin jitkelmu dwarha l-akkuzat u Gejtu? Jew kienet serqa bla ebda rabta dwar dak li kienu qed jitkelmu dwaru, jigifieri serqa bi hsieb komuni u pjan iehor, b'mod li ma hemmx ness ta' kawza u effett? Din tridu tistaqsu lilkom infuskom, Nerga' nirrepetihielkom din il-mistoqsija. Intom tridu tistaqsu lilkom infuskom: intom sodisfatti li dik is-serqa li twettqet fis-6 ta' Novembru 1996 dak il-hin fil-ghodu kmieni, kienet it-twettiq, l-attwazzjoni, tas-serqa li kienu qed jitkelmu dwarha l-akkuzat u Gejtu? Jew inkella kienet serqa bla ebda rabta ma' dak li kienu qed jitkellmu dwaru, jigifieri serqa skond hsieb komuni iehor u pjan iehor b'mod li ma hemmx ness ta' kawza u effett? Ghax jekk it-tieni wahda, ma hemmx ness ta' kawza u effett; allura barra bid-daqq - m'ghandniex l-element ta' kawza u effett, allura ma jistax ikollok komplicita`. Jekk pero` hija r-rizultat, l-attwazzjoni, anke jekk forsi b'xi tibdil partikolari per ezempju, imma hija l-attwazzjoni ta' dak li kienu qed jitkelmu dwarha Gejtu u l-akkuzat b'mod li hemm in-ness ta' kawza u effett dwar dak li kienu qed jitkelmu dwaru l-akkuzat u Gejtu u dik is-serqa, allura hemm il-komplicita` f'dak il-kaz."

L-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri mbaghad stieden lill-gurati biex jezaminaw il-provi ndizjarji bil-bwon sens u bl-ghaqal taghhom u jaraw jekk iwassluhomx x'imkien u kompla hekk:

"…araw intom, sinjuri gurati, min, skond il-provi li ghandkom quddiemkom - ghax intom fuq il-provi tistghu timxu, diretti jew indizjarji - min kien qed jiprepara serqa mill-kwartieri generali ta' Group 4. Hemm xi prova li kien hemm xi hadd iehor qed jippjana serqa mill-kwartieri generali tal-Group 4 dak iz-zmien? Jekk intom

jirrizultalkom li hemm xi indikazzjoni ta' xi hadd allura dik hija prova li tista' tipponta f'direzzjoni ohra."

L-indirizz ikompli b'indikazzjoni tal-provi li setghu jigu kkunsidrati mill-gurati u mbaghad jikkonkludi hekk:

"Mela araw dan kollu sinjuri gurati u affarijiet ohra li jidhrilkom li ghandkom taraw. Jekk intom tkunu sodisfatti, moralment konvinti, jigifieri, li s-serqa li twettqet kienet dik li dwarha kienu qed jitkelmu l-akkuzat u Gejtu, u mhux serqa minn xi hadd indipendentement minn dak li kienu qed jitkelmu dwaru dawn it-tnejn, allura timxu biex tezaminaw affarijiet ohra li ser nghidilkom. Jekk pero` ma tkunux hekk sodisfatti li hemm dan in-ness ta' kawza u effett bejn dak li kienu qed jitkelmu dwaru u s-serqa li fil-fatt saret, allura ieqfu hawn u rritornaw verdett ta' mhux hati. Ghax allura n-ness jinqata' kompletament. Ma tistax titkellem aktar dwar komplicita`. Ftakru li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova, anke jekk permezz ta' provi indiretti, l-elementi kollha tar-reat sal-grad li trid il-ligi, u li jekk l-akkuzat jaghzel li jipprova xi haga huwa bizzejjed li jilhaq il-grad tal-probabbli [sottolinear ta' din il-Qorti]. Pero` ghall-anqas irid ikun jilhaq il-grad tal-probabbli, mhux semplicement il-grad tal-possibbli. Sewwa. Ghax kollox huwa possibbli taht il-kappa tax-xemx. Hemm xi haga, per ezempju, li lilkom tghidilkom li huwa probabbli li s-serqa saret minn haddiehor u mhux bhala konsegwenza tal-laqghat li l-akkuzat kellu ma' Gejtu? Aghmlu din il-mistoqsija wkoll, sinjuri gurati. Jekk jidhrilkom li huwa probabbli li dik is-serqa saret minn haddiehor; allura tghidu mela allura dak in-ness ta' kawza u effett ma' jezistix, barra bid-daqq, sewwa. Jekk dak in-ness jibqa' jezisti, allura f'dak il-kaz timxu pass iehor…."

Ta' min jirreferi hawn ghal dak li qal Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (Archbold Criminal Pleading Evidence and Practice 2001 para. 7-53 p. 919):

"Probably no summing up, and certainly none that attempts to deal with the incidents as to which the evidence has extended over a period of twenty days,

would fail to be open to some objection….Every summing-up must be regarded in the light of the conduct of the trial and the questions which have been raised by the counsel for the prosecution and for the defence respectively. This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters wHich may have led to a miscarriage of justice".

Fit-termini ta' l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali l-funzjoni ta' l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-Att ta' Akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu.

Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illi huwa l-istess Imhallef li huwa bilancjat fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u li ma jkunx wera preferenza jew aktar importanza lejn naha jew ohra. Huwa utili jigi riportat hawn dak li qal Lord Hailsham, L.C. f'*R. v. Lawrence* [1982] A.C. 510 at 519, H.L. (Archbold, op. cit. Para. 4-368, p. 453):

"It has been said before but obviously requires to be said again. The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case. The search for universally applicable definitions is often productive of more obscurity than light. A direction is seldom improved and may be considerably damaged by copious recitations from the total content of a judge's notebook. A direction to a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case. Of course it must include references to the burden of proof and the respective roles of jury and judge. But it should also include a succinct but accurate summary of the issues of fact as to which a decision is required, a correct but concise summary of the evidence and arguments on both sides and a correct statement of the inferences which the jury are entitled to draw from their particular conclusions about the primary facts."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-kaz in ezami l-mistoqsija li l-Ewwel Qorti kienet qed tistieden lill-gurati biex jaghmlu, cioe` jekk mill-provi kienx probabbli li s-serqa saret minn haddiehor, kienet wahda legittima fil-kuntest ta' dak li dwaru kienu qeghdin jigu indirizzati l-gurati u fid-dawl tal-linja difensjonali li kienet qed tigi trattata. Difatti l-enfazi li kontinwament kienet qed taghmel dik il-Qorti kien fuq id-dmir tal-gurati li jistabilixxu jekk kienx hemm ness ta' kawza u effett bejn il-laqghat li l-akkuzat kellu ma' "Gejtu" u l-eventwali serqa, ness li kellu jigi stabbilit mill-prosekuzzjoni *beyond reasonable doubt*. Kien ghalhekk ghall-gurati biex jiddeciedu jekk il-provi migjuba mill-prosekuzzjoni kinux sufficjenti biex jilhqu l-grad rikjest mil-ligi. Kien ukoll ghall-gurati biex jiddeterminaw jekk, una volta l-akkuzat ghazel li jipprova xi haga - kemm bix-xiehda tieghu kif ukoll bil-kontro-ezamijiet li saru tax-xhieda tal-prosekuzzjoni - irnexxilux jasal sal-grad tal-probabbli b'tali mod li rnexxielu jiskossa t-tezi tal-prosekuzzjoni. F'kull kaz id-decizjoni tal-gurati kellha tkun bazata fuq l-assjem kollu tal-provi - u dan johrog car mill-indirizz ta' l-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri. Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li ma jistax jinghad

li l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu naqas li jkun essenzjalment gust ma' l-akkuzat fl-espozizzjoni ta' dik li hija l-kwistjoni tal-*burden of proof*. Konsegwentement dan l-aggravju huwa wkoll rigettat.

Biex isahhah l-argument tieghu, l-appellant, kemm fir-rikors ta' appell tieghu kif ukoll permezz tas-sottomissjonijiet tad-difensur tieghu, jaghmel riferenza ghal diversi provi li skond hu mhumiex univoci u ma jorbtux la fl-assjem taghhom u l-anqas meta jittiehdu wiehed wiehed.

Huwa appena necessarju li jigi rilevat illi dan huwa l-kamp delikat ta' apprezzament tal-provi - ezercizzju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati fil-kors tal-guri - u din il-Qorti ma tistax tiddisturba l-apprezzament li huma ghamlu, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk huma setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghalih hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet *"properly directed"*, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migbura u hija soddisfatta li kien hemm provi bizzejjed biex, jekk emnuti, setghu jiggustifikaw li l- gurati jaslu ghall-konkluzjoni minnhom raggunta. Bizzejjed issir riferenza ghall-fatt li ghalkemm l-appellant seta' jittronka fi stadju bikri kull konnessjoni ma' min kien qieghed jippjana s-serqa mill-kwartieri generali tal-Group 4, huwa halla dik ir-relazzjoni tipperdura u sahansitra pprovda l-informazzjoni mitluba lilu proprju ftit granet biss qabel ma saret is-serqa. U dwar il-kwistjoni ta' forza barranija rrezistibbli ssir referenza ghal Archbold (*op. cit.* para. 17-126, p. 1626) fejn ighid:

"If a person, by joining an illegal organisation or a similar group of men with criminal objectives and coercive methods, voluntarily exposes and submits himself to

illegal compulsion, he cannot rely on the duress to which he has voluntarily exposed himself as an excuse either in respect of the crimes he commits against his will or in respect of his continued but unwilling association with those capable of exercising upon him the duress which he calls in aid: *R. v. Fitzpatrick* [1977] N.I.L.R. 20."

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tirrespingi l-appell ta' Godfrey Lopez u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, b'dan li l-perijodu ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------